MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tad-29 ta' Awwissu, 2005

Numru 631/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Mario Tonna)**
**vs**
**William Camilleri**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **William Camilleri** ta’ 50 sena, bin Joseph u Rose nee’ Bugeja, mwieled Sliema nhar l-10 ta’ Novembru, 1954, residenti f’ 75, Triq Carmel, Sliema w detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 800454(M);

Talli fit-23 ta’ Lulju, 2005 ghall-habta tal-11.30 p.m ikkommetta serq ta’ apparat tal-komputers minn gewwa l-fond kummercjali maghruf ‘Lapsi Hotel’ li jinsab gewwa Triq G. Borg Olivier, San Giljan, ghad-dannu ta’ Carmel Camilleri f’isem id-diretturi ta’ l-istess Hotel, liema serq jeccedi l-hamsin lira Maltin (Lm50) izda ma jeccediex l-

hames mitt lira Maltija (Lm500), aggravat bil-valur, bil-hin u bil-mezz u dan ai terminu tal-Artikoli 261, 263, 267, 270 u 279 (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba tittratta ma' l-imputat bhala li sar recediv b'sentenzi datati 4 ta' Frar, 1994, 3 t' Ottubru, 1997, 29 ta' Mejju, 1997 u 31 ta' Jannar, 1997 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jinbidlu.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja, u n-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Rat l-art 261 (b) (c) u (f), 263, 267, 270, 278, 279, 281, 49 7 40 tal-Kap. 9

Rat il-fedina penali tal-imputat.

Titratta mal-imputat billi tikkundannah ghal terminu ta' prigunerija ta' sitt (6) xhur effettivi mil-lum.

Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin sabiex jaghti l-ghajnuna kollha mehtiega lill-imputat biex isegwi kors ghar-riabilitazzjoni mill-vizzju tax-xorb alkaholiku.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------